MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 236/2004

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jason Mifsud**
**.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Gunju, 2004 ghall-habta tal-10.39 hrs fil-Blata l-Bajda, l/o Hamrun:**

**1) Waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBJ-673 fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b'sinjali ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi, naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar jew amber;**
**2) saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;**
**3) saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;**

**4) saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 t'Ottubru, 2004, li biha, wara li rat illi l-affidavit tal-prosekuzzjoni mhux validu peress illi ma jinkorporax avviz tad-drittijiet tal-imputat u stante dan kien l-uniku prova, ma sabitx lill-imputat hati w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta' Novembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali,**

**Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellant ghax irriteniet li l-affidavit li gie prezentat ma kienx validu bhala prova peress li ma kienx jinkorpora avviz tad-drittijiet tal-imputat u stante li dan kien l-unika prova ma sabitx lill-appellat hati u lliberatu. Illi din l-interpretazzjoni hija skorretta , ghax f’ kaz li l-affidavit ma jigix notifikat bl-avviz relattiv , ikun japplika l-proviso ghall-artikolu 360A (1) tal-Kodici Kriminali li jaghti d-dritt ta’ differiment ghal seduta ohra biex isir il-kontro-ezami u li, stante dar-rimedju, l-affidavit kien ammissibbli bhala prova w mill-provi l-appellant kellu jinstab hati.**

**Fliet l-atti kollha processwali ;**

**Semghet it-trattazzjoni fil-kors tas-seduta tal-lum ;**

**Rat il-fedina penali tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-artikolu 360A (1) tal-Kodici Kriminali, introdott bl-Att III tas-sena 2002, jiddisponi li fi proceduri sommarji ghal reati li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-**

**Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, skond l-artikolu 370(1) tal-istess Kodici, il-Pulizija tista' , flimkien mac-citazzjoni jew f' kull waqt li jigri wara , tinnotifika lill-akkuzat kopji ta' kull affidavit maghmul minn ufficjal pubbliku jew minn impjegat jew ufficjal ta' korp maghqud imwaqqaf b' ligi, w li ghandu jingieb bhala xhud tal-prosekuzzjoni f' dawk il-proceduri kif ukoll dokumenti li jkunu ser jingiebu bhala prova fl-istess proceduri .**

**Il-ligi tkompli tghid li jekk l-akkuzat ikun irid jaghmel kontro-ezami lil xi persuna li kellha l-affidavit taghha notifikat lilu ,** huwa ghandu **mhux aktar tard minn hmistax il-gurnata qabel l-ewwel seduta li tigi minnufieh wara n-notifika tal-affidavit, javza b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b' ittra registrata w malli jsir dan , il-persuna li jrid isirilha l-kontro-ezami, ghandha titharrek biex tixhed f' dawk il-proceduri .**

**Il-proviso tal-istess subinciz (1) umbaghad jiddisponi li meta jirrizulta li ma kienx possibbli ghall-imputat li jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija fiz-zmien fuq imsemmi, dak l-avviz jista' jinghata matul l-ewwel seduta u f' dak il-kaz il-persuna li jkun irid isirilha l-kontro-ezami titharrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.**

**Jekk ma jinghatax dan l-avviz** *mill-imputat* **li jrid jaghmel il-kontro-ezami , il-persuna li tkun ghamlet l-affidavit ma ghandhiex titharrek u l-affidavit ikun ammissibbli bhala prova b' xhieda tal-kontenut tieghu bhallikieku kien xiehda moghtija** ***viva voce*** **fil-prezenza tal-akkuzat.**

**Minn imkien fil-ligi ma jirrizulta li hemm il-htiega li jinghata avviz tad-dritt tal-imputat li jaghmel kontro-ezami pero' dan id-dritt hu moghti bil-ligi. L-uniku avviz li jissemma fil-ligi hu dak li jrid jaghti** l-imputat **lill-Kummissarju tal-Pulizija li jrid jaghmel il-kontro-ezami . U jekk ghal xi raguni l-imputat juri lill-Qorti li hu ma setax jaghti l-avviz lill-Kummissarju fiz-zmien imsemmi mill-ligi, allura jekk anki jaghmel talba waqt**

**is-seduta , l-Qorti tilqa' tali talba w tharrek lill-persuna li tkun trid tigi kontro-ezaminata ghall-seduta ohra. Ghalhekk l-imputat ma jsofri ebda pregudizzju hlief l-inkonvenjent li kullhadd ikollu jerga' jitla' l-Qorti f' okkazzjoni ohra sussegwenti .**

Issa fil-kaz in ezami , gie esebit l-affidavit (fol. 2) ta' P.C. 915 Joseph Abela. Fl-ewwel seduta tal-25 t' Ottubru, 2004, (fol. 3) hemm verbalizzat li deher l-imputat assistit minn P.L. Victor Bugeja u l-ispettur Zahra ghall-prosekuzzjoni . Umbaghad hemm verbalizzat biss :-

**"*Il-prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandhiex aktar provi. "* u *"Inghatat sentenza"***

**Minn imkien ma jirrizulta li quddiem l-Ewwel Qorti saret it-talba kontemplata fit-tieni proviso tal-Art. 360A (1) waqt l-udjenza tal-25 t' Ottubru, 2004 u ghalhekk proprjament l-Ewwel Qorti kellha tiddeciedi fuq il-provi li kellha w cioe' l-affidavit tal-Prosekuzzjoni , ladarba l-imputat ma ressaqx provi**
**Pero' l-Ewwel Qorti minnflok ghazlet li tillibera ghax irritjeniet li l-affidavit kien null li certament mhux il-kaz ghax se mai , anki kieku kien hemm l-obbligu statutorju, li ma hemmx , li l-affidavit irid ikollu xi avviz mehmuz mieghu , tali nuqqas kien dejjem rimedjabbli bla ma jigu pregudikati d-drittijiet tal-imputat ghall-smiegh xieraq billi jezercita d-dritt tal-kontro-ezami , billi ssir talba ghall-tali kontro-ezami seduta stante kif fuq intqal u l-konto-ezami mitlub isir f' seduta ohra kif tikkontempla l-istess ligi.**

**Ghalhekk , bil-fatt li l-Ewwel Qorti lliberat ghax qalet li ma kienx hemm prova meta prova certament kien hemm , (salv li tigi umbaghad valutata kif imiss skond l-artikoli 637, 638 , ecc. ) u dan minhabba interpretazzjoni zbaljata tal-artikolu 360A , is-sentenza appellata hija nulla w konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali hu gustifikat.**

Il-Qorti pero' trid tosserva li, ghalkemm il-ligi hu prezunt li jafha kullhadd u dan in omagg tal-massima legali

*"ignorantia legis neminem excusat*" , ghall-fini ta' praticita' w biex jigi ffrankat xoghol inutili w appelli ta' din ix-xorta, jkun ferm aktar espedjenti li mall-kopja tal-affidavit li tigi notifikata lill-imputati , tigi mehmuza ukoll kopja tal-artikolu 360A , biex kullhadd ikun jaf x' inhuma d-drittijiet tieghu w jezercithom mill-ewwel u bla ebda htiega ta' differimenti , possibilment . Ghalhekk tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi bla dewmien notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Ghal dan il-motiv biss f'dan l-istadju il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tannulla s-sentenza appellata w biex ma jcahhadx lill-appellant u b' mod partikolari lill-appellat Jason Mifsud mill-beneficcju tad-"*doppio esame*" qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jinstema w jigi deciz mill-gdid skond il-ligi .**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------